MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2011

Numru. 551/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**Stephen Michael Cassar**

**Kumpilazzjoni Nru: 551/2011**

**Illum, 21 ta' Novembru, 2011**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Michael Cassar, ta' 24 sena, bin Mark Cassar u Diane Cassar xebba Schembri, mwieled Pieta nhar l-20 ta` Frar 1987, residenti 67, Triq Tonna, Sliema, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 122987M.

Akkuzat talli:

(a) fis-27 t`April 2011, ghall-hin tan-12:30 hrs, gewwa fond bl-isem Cassar Fuel Ltd, Triq il-Kummerc Qormi, ingurja, hedded u ghamel offiza ta` natura hafifa fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` fuq PS372 Yurgen Vella, PC544 Darren Micallef u PC954 James Mangion skont kif iccertifika Dr. Stefano Camilleri med reg: 1771 mic-centru tas-sahha ta` Hal-Qormi, waqt li kienu ghamlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta` dak is-servizz,

(b) u aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b` hebb, ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe` fuq PS372 Yurgen Vella, PC544 Darren Micallef u PC954 James Mangion, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti.

(c) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra ohtu Sarah Cassar sabiex jingurja, idejjaq jew ghamel hsara li din il-persuna.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f`kaz ta` htija, tipprovdi skond l-artikolu 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, ghas-sigurta` ta` Sarah Cassar.

Rat l-artikoli 95, 96, 221 u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet l-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma relattivament semplici. Il-Pulizija rceviet rapport minghand certu Sarah Cassar li huha, l-imputat, kien hebb ghaliha u anke taha daqqa ta' ponn, ghalhekk huma marru fil-post ta' l-incident. Malli waslu hemm l-imputat kien aggressiv maghhom mhux biss verbalment imma anke fizikament. Huwa heddidhom u anke refa' idejh fuqhom tant li kellu jintuza l-pepper spray biex huwa jigi kkontrollat. F'dan l-incident zewg pulizija mit-tlieta li marru fuq il-post, PS372 Jurgen Vella u PC 544 Darren Micallef, sofrew griehi ta' natura hafifa. Dawn il-fatti jirrizultaw ampjament u fil-verita mhux kontestati.

Illi dwar x'gara bejn Sarah Cassar u l-imputat u li wassal biex sar rapport lill-pulizija ma jirizultax ghaliex l-unika xhud f'dan ir-rigward, Sarah Cassar, ghazlet li tiprevalixxi ruhha mil-fakolta li ma tixhidx stante li dawn huma proceduri kontra huha.

Illi tenut kont tal-provi akkwiziti f'dan il-process il-Qorti hija tal-fehma l-ewwel zewg imputazzjonijiet gew sodisfacjentement pruvati, b'dan pero li griehi gew kawzati biss lill-PS372 Jurgen Vella u PC 544 Darren Micallef. It-tielet imputazzjoni min-naha l-ohra ma tirrizultax pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija netta. Hadet in konsiderazzjoni ukoll is-sottomissjonijiet li saru kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difieza dwar is-sitwazzjoni personali ta'l-imputat u l-fatt li huwa ghandu bzonn ta' ghajnuna biex ikun jista' jeghleb il-problemi li ghandu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 95, 96 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal-perjodu ta' sena bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni moghti kontestwalment inkluz dak li joqghod ghal dak it-trattament mediku li jigi lilu ordnat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti qed tordna in-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------